

Kawża C-351/08

Christian Grimme

vs

Deutsche Angestellten-Krankenkasse.

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Bundessozialgericht)

“Moviment liberu tal-persuni — Membru tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita taħt id-dritt Svizzeru li jmexxi fergħa ta' din il-kumpannija fil-Ġermanja — Obbligu ta' adeżjoni mal-assigurazzjoni Ġermaniża għax-xjuħija — Eżenzjoni minn dan l-obbligu għall-membri tal-bord eżekuttiv ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata stabbiliti taħt id-dritt Ġermaniż”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Novembru 2009. . . . I - 10779

Sommarju tas-sentenza

Ftehim internazzjonali — Ftehim KE-Svizzera fuq il-moviment liberu tal-persuni — Libertà ta' stabbiliment — Trattament ugwali

(Ftehim KE-Svizzera fuq il-moviment liberu tal-persuni, Artikoli 1, 5, 7 u 16 u Anness I, Artikoli 12 u 17 sa 19)

I - 10777

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni u b'mod partikolari, tal-Artikoli 1, 5, 7 u 16 kif ukoll tal-Artikoli 12 u 17 sa 19 tal-Anness I ta' dan il-ftehim ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li teżiġi li persuna, li għandha ċittadinanza ta' dan l-Istat Membru u li hija impjegata fit-territorju ta' dan tal-aħħar, taffilja ruħha mal-iskema legali tal-assigurazzjoni għax-xjuħija ta' dan l-Istat Membru,

minkejja l-fatt li din il-persuna hija membru tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita taħt id-dritt Svizzeru filwaqt li l-membri tal-bord eżekuttiv tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbiliti taħt id-dritt ta' dan l-istess Stat Membru ma humiex obbligati jaffiljaw ruħhom mal-imsemmija skema ta' assigurazzjoni.

(ara l-punt 50 u d-dispożittiv)